Kunsill Lokali - Ħad-Dingli – Local Council
Ċentru tal-Komunita'
Daħla tas-Sienja, Ħad-Dingli, DGL 1880.
Tel. No. 21456060
E-mail: dingli.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Had-Dingli

## DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 12/ K9/ 2021**

**Data tal-Laqgha: 20 ta' Lulju 2021**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli Itaqa' Online fil-16.00 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

Raymond Schembri - Sindku
Sandro Azzopardi - Viċi Sindku
David Vassallo - Kunsillier
Paul Mamo - Kunsillier
Ryan Tanti - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Lexine Farrugia – Ambaxxattriċi taż-Żgħazagħ

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Shawn Tanti – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.**

12.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 10/K9/2021 u 11/K9/2021**

12.2.1 Is-Sindku Raymond Schembri ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 10/K9/2021 u 11/K9/2021

12.2.2 Il-Viċi Sindku Sandro Azzopardi ssekonda Minuti 10/K9/2021

12.2.3 Il-Kunsillier Paul Mamo ssekonda Minuti 11/K9/2021

12.2.4 Il-Kunsill qabel unanimament

**12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

12.3.1 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill li sar qtugħ ta' ħaxix fi Triq Laparell, Triq Panoramika u Triq il-Maddalena.

12.3.2 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li tkomplew jinbnew aktar ħitan tas-sejjiegħ fi Triq il- Ħbula permezz tal-Miżura 4.4.

12.3.3 Is-Sindku Raymond Schembri nforma ukoll li saret manutenzzjoni fuq żewġ tabelli li saret ħsara fuqhom minn xi vetturi kbar fi Triq San Pawl il-Pitkali.

12.3.4 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lil dan il-Kunsill li l-Ħamis 15 ta'Lulju s-Segretarju kellu laqgħa ġo dan il-bini fejn iltaqaw mal-environmental ragers assenjati lilhom minn Ambjent Malta. Dawn xogħlhom huwa li jassistuna fiż-żamma tal-indafa u kontroll fejn tidħol Natura 2000.

12.3.5 2 Is-Sindku Raymond Schembri nforma li d-data tat-Tnejn 26 ta' Lulju kienet l-aħħar ġurnata fejn setgħu jagħddulna l-kitba tagħhom fuq iż-Żagħfran li jmiss.

12.3.6 Is-Sindku Raymond Schembri nforma ukoll li għal sena oħra bdew magħna studenti fuq l-iskema tal-works exposure, waqt li għandna studenta Universitarja tassistina fuq I.T.

**12.4**

**Tweġibijiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Viċi Sindku Sandro Azzopardi staqsa:

· *Ladarba il-proġett tac-Centru tal-Lokal qed jasal fi tmiemu, nistgħu nibdew inħaddmu dan il-kuncett ta' slow streets? u kif qbilna waqt laqgħat preċedenti jingħalqu l-postijiet mifthema.*
· *Kemm il-darba jidher li bħala Kunsill Lokali għad ma hemmx direzzjoni u/jew deċizjoni eżatt ta kif ser jigi mwettaq dan il-proġett.... fis-sens min ser ikun qed jieħu ħsieb li fil-postijiet indikata jassigura li ma jkunx hemm vetturi u għeluq tal-ispazji, nistgħu bħala Kunsill Lokali napprovaw sabiex nitolbu lil TM jekk tistax tassiti f'dan ir-rigward? B'hekk il-Kunsill Lokali ikun qed inaqqas spiża f'dan ir-rigward, kemm il-darba din t-talba tiġi aċċetata minn TM.*

Is-Sindku wieġeb li din kienet se tittella bħala item fuq l-Agenda fl-laqgħa oħra.

Il-Kunsillier David Vassallo staqsa bosta mistoqsijiet:

- *Inbidlu xi sinjali fi Triq is-Sienja. Il-Kunsill kien ikkonsultat minn TM pls?*

Is-Segretarju wieġeb li kienu saru xi sinjali pero l-Kunsill Lokali ma kienx ikkonsultat.

- *Tista' ttina d-data meta daħlet fis-seħħ il-one way fi Triq il-Gvernatur William Raid?*

Is-Segretarju wieġeb li din ghadha ma ġietx attwata

- *Kellna xi żvilupp fuq il-proġett ta' quddiem il-Maddalena? Għandna idea meta se jibda pls?*

*Is-Sindku wieġeb li kien ser isaqsi u tingħata risposta f'laqgha oħhra.*

- *Kif baqa' l-IT expert li qabbadna fuq l-App  Visit Dingli għall-Iphone*

*Is-Segretarju wieġeb li dan għadu qed jipprova jsib soluzzjoni.*

- *Tista' fil-laqgħa li jmiss tittella' l-korrispondenza tal-aħħar xhur dwar dak li qed iżomm milli l-ebikes jibdew jiffunzjonaw? Nistgħu ningħataw spjega uffiċjali?*

Is-Segretarju wera l-korrispondenza kollha fejn spejga li il-Mita jridu jifthu port sabiex nkunu nistgħu naċċettaw pagamenti mis-sistema.

## 12.5 Tender for Roadworks

12.5.1 Peress li dan it-Tender wasal biex jagħlaq, is-Sindku propona biex noħorġu sejħa ġdida.

12.5.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

12.5.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.6 Aġġudikazzjoni Tender Bulky Refuse

12.6.1 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lil Kunsill Lokali li kien se jagħti ġimgħa ċans lill-evalwaturi biex jevalwaw dan it-Tender. Barra minn hekk propana biex tintbagħat kjarifika lil kuntrattur minnhom rigward il-peremssi tal-ERA.

12.6.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

12.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.7 Aġġudikazzjoni Tender Knis

12.7.1 Wara li kellna żewġ appelli fuq dan il-kuntratt, Il-PCRB talbuna sabiex nerġgħu nevalwaw dawn l-offerti. Għaldaqstant is-Sindku ta' ġimgħa ċans biex dan jitlesta.

## 12.8 European Mobility Week 2021

12.8.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex bħal-snin mogħddija nerġgħu nipparteċipaw fil-EMW 2021.

12.8.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda

12.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.9 Parir Legali f' tal-Vecca

12.9.1 Wara li nqara l-parir Legali tat-tieni avukat, is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex nagħmlu laqgħa mal-avukat ħalli jispjega xi mistoqsijiet li għandhom mhux ċari.